# TITJIB TAT-TAGĦMIR BL-INVOLVIMENT TAL-ĦADDIEMA GĦALL-PREVENZJONI TA’ RISKJI TA’ TQANDIL MANWALI F’IMPJANT PVC

## Informazzjoni ġenerali

**Pajjiż:**Franza

**Settur:**Manifattura (prodotti tal-PVC)

**Tip ta’ organizzazzjoni:**Multinazzjonali

**Daqs tal-organizzazzjoni**: 129 ħaddiem fis-sit tal-intervent

**Post:**Urban

**Xogħol/kompiti:**Ġarr ta’ pjanċi tal-PVC ta’ 6 metri u tkaxkir ta’ kontenituri mgħobbija

**Karatteristiċi tal-post tax-xogħol u tal-kompitu:**Tqandil manwali ta’ tagħbijiet diffiċli li kellhom jintrefgħu ‘il fuq mir-ras, it-tkaxkir ta’ kontenituri mgħobbija. Il-kompiti dejjem kienu jinvolvu l-użu tal-istess partijiet tal-ġisem.

**Miżuri ta’ parteċipazzjoni fuq il-post tax-xogħol:**

- L-użu tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema biex isiru modifiki sabiex jiġu solvuti problemi bit-tagħmir tax-xogħol.
- L-involviment tal-ħaddiema fl-elaborazzjoni ta’ pjan ta’ azzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskju.
- L-iskambju ta’ ideat mal-ħaddiema biex jadattaw, ibiddlu u jtejbu t-tagħmir tax-xogħol tagħhom.
- It-twaqqif ta’ gruppi ta’ ħidma. L-istedina lill-ħaddiema biex jimlew il-karti ta’ suġġerimenti.

## L-azzjoni

### Sfond

Il-kumpanija hija manifattur kbir ħafna tal-PVC. Din tforni lill-fitters industrijali, lill-fornituri u lill-ħwienet il-kbar ta’ do-it-yourself, kif ukoll lil madwar 100 bejjiegħ bl-imnut tal-PVC bi frankiġja.

L-intervent seħħ f’impjant li kien jimpjega 129 ħaddiem. Dan l-impjant jipproduċi profili tal-PVC. Dawn huma pjanċi twal 6 metri li jintużaw għall-bibien, għat-twieqi, jew għax-shutters. Il-profili tal-PVC jiġu prodotti minn 28 magna ta’ estrużjoni u jiġu ttrattati biex jingħataw sensazzjoni aħjar. Dan il-proċess huwa kważi għalkollox awtomatizzat, u l-produzzjoni titwettaq 24 siegħa kuljum, kważi s-sena kollha. Fi tmiem il-linja tal-produzzjoni, il-ħaddiema jridu jgħabbu biċċiet f’palits biex jintbagħtu lill-klijenti. Huwa f’dan l-istadju li l-ħaddiema kienu f’riskju li jġarrbu disturbi muskoloskeletali (MSDs). Il-ħaddiema kellhom jiġbru l-profili, jerfgħuhom fuq rashom u jpoġġuhom f’kontenitur. Meta kontenitur kien mimli, il-ħaddiema kienu jċaqilquh billi jkaxkruh biex jippermettu lill-operatur tal-forklift jiġbru u jmexxih lejn il-maħzen. Kull ħaddiem kien responsabbli għal tliet magni ta’ estrużjoni. Huma kellhom jiġu u jmorru bejn il-magni ta’ estrużjoni, skont ir-ritmu tal-proċess. Il-kompiti dejjem kienu jinvolvu l-użu tal-istess partijiet tal-ġisem.

### Il-parteċipanti u l-partijiet ikkonċernati

L-intervent kien jinvolvi lill-ħaddiema tal-impjanti, lill-maniġment, speċjalment lid-direttur industrijali tal-impjant, lill-membri tal-kumitat tas-sikurezza u s-saħħa u lill-fond reġjonali għall-assigurazzjoni tas-saħħa.

### Approċċi, metodi u għodod parteċipattivi

#### *Qafas għall-parteċipazzjoni*

**Titjib kontinwu u timijiet ta’ ħidma awtonomi**

Id-direttur industrijali tal-impjant kien impenjat favur l-idea li x-xogħol għandu jiġi organizzat sabiex jitjieb kontinwament permezz tal-innovazzjoni. Dan l-approċċ kien jinvolvi l-pragmatiżmu u l-fiduċja f’dawk li jagħmlu x-xogħol.

Il-mod kif l-impjant kien jaħdem ġie rivedut permezz ta' gruppi ta' ħidma żgħar li analizzaw temi partikolari u ħejjew pjanijiet ta' azzjoni. L-impjant ġie organizzat mill-ġdid f'timijiet ta' 18, kull wieħed immexxi minn superviżur. Dawn it-timijiet indipendenti ngħataw il-libertà sħiħa li jsegwu l-miri tal-produzzjoni tagħhom billi jtejbu kontinwament it-tagħmir u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Jekk idea kienet xierqa, din ġiet implimentata minnufih. L-impjant ippremja l-aqwa innovazzjonijiet.

### Kumitat tas-sikurezza u s-saħħa

Il-kumitat, li hu meħtieġ fin-negozji kollha b'mill-anqas 50 ħaddiem, għandu l-għan li jippromwovi s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol u jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-kumitat jinkludi rappreżentant tal-ħaddiema. Huwa għandu għadd ta' mezzi għad-dispożizzjoni tiegħu biex jissodisfa l-għanijiet tiegħu (informazzjoni, konsultazzjoni mal-esperti), u r-rappreżentanti tal-ħaddiema huma permessi ħin barra mix-xogħol biex iwettqu dmirijiet ta' sikurezza. Dawn ir-rappreżentanti huma ġeneralment protetti milli jingħataw is-sensja.

### Folji ta' suġġerimenti u kwestjonarji

Il-ħaddiema jistgħu jimlew folji ta' suġġerimenti, disponibbli fil-kamra tal-persunal, biex jagħtu l-ideat tagħhom għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq is-sit. Il-membri u l-maniġment tal-kumitat tas-sikurezza u s-saħħa jeżaminaw is-suġġerimenti biex jivvalutaw l-ordni ta' urġenza u rilevanza. Il-kumitat jirċievi madwar 300 suġġeriment fis-sena. Il-formoli jistgħu jiġu sottomessi b'mod anonimu.

### Miri tar-rieżami annwali tal-prestazzjoni

Matul ir-rieżamijiet annwali tal-prestazzjoni, il-ħaddiema individwali jingħataw ukoll miri għas-sena li ġejja relatati mat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

## *Modifiki tat-tagħmir biex jiġi evitat it-tqandil manwali*

Tim wieħed ta' ħaddiema adatta magna biex jevitaw li jkollhom iġorru l-prodotti manwalment. Il-magna hija magna ta' estrużjoni b'aġġornamenti konsiderevoli installati. Sabiex jitnaqqas it-tqandil manwali, il-kumpanija preċedentement installat robot għalkollox awtomatizzat biex iġorr il-profili għall-kontenituri megħjuna minn pads li jeħlu permezz tal-ġbid tal-arja mqiegħda fuq kull naħa tal-profili tal-PVC u 'l fuq minnhom. Madankollu, dik is-sistema ma kinitx sigura. Jekk l-allinjament ma kienx perfett, il-pads ma qabdux il-profili kif suppost u waqgħu. Żewġ operaturi għaffġu subgħajhom minħabba dan.

Kien jeħtieġ li jiġu evitati r-riskji li jinħolqu mill-magna kompletament awtomatizzata, u fl-istess ħin jiġi evitat ir-riskju ta' MSDs għall-ħaddiema li jagħmlu t-tqandil manwali. B'kollox, 90 ħaddiem manwali assenjati għall-faċilità ta' produzzjoni kienu involuti f'dan il-kompitu. Ċerti profili jiżnu tliet kilogrammi (kg) kull metru 'l wieħed, u kull ħaddiem kien qed iqandel bħala medja madwar 3 600 kg kuljum.

Meta ddiskuta l-miżuri biex titnaqqas din it-tagħbija b'mod sigur, id-direttur tal-kumpanija ried jisma' l-kontribuzzjonijiet min-naħat kollha, konvint li kull min hu involut kellu xi ħaġa x'jikkontribwixxi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-kumpanija ffurmat gruppi ta' ħidma biex ittejjeb is-sitwazzjoni. Flimkien mas-servizz ta' manutenzjoni, it-timijiet tal-maħżen ħejjew lista tal-aktar movimenti li jinvolvu tbatija li huma meħtieġa jagħmlu waqt l-użu tal-magna. It-titjib sar gradwalment. Il-ħaddiema ppreżentaw b'mod regolari ideat ibbażati fuq l-esperjenzi tagħhom fl-użu tat-tagħmir.

Il-kumitat tas-sikurezza u s-saħħa u l-fond reġjonali għall-assigurazzjoni tas-saħħa ssorveljaw kull stadju.

## X'intlaħaq

Inizjalment, il-kontenitur ġie sostitwit sabiex il-profili jaqgħu direttament fih. Madankollu, il-problemi tad-dahar baqgħu jippersistu. Xorta kien għadu neċessarju li wieħed jitbaxxa biex jallinja l-profili fil-qiegħ tat-trej. Għalhekk, ġie ssuġġerit li l-qiegħ tal-kontenitur għandu jkun jista' jinqala' biex il-profili jinġabru fl-għoli tal-ispalla. Idea waħda wasslet għal oħra, u l-mejda tal-ippakkjar ġiet mgħammra b'vireg ta' gwida li jħarsu 'l isfel. Il-profili mbagħad jistgħu jiżżerżqu aktar faċilment fil-kontenitur.

Fl-aħħar nett, il-grupp ta' ħidma kkunsidra li jqiegħed il-kontenitur fuq troli bir-roti għal moviment aktar faċli. Il-ġbid ta' kontenitur standard jirrikjedi trazzjoni ta' madwar 220 kg, meta mqabbel ma' 80 kg għas-sistema l-ġdida tar-roti. Il-grupp ta' ħidma ppożizzjona wkoll lill-operaturi ħames ċentimetri eqreb lejn il-mejda tal-ħruġ, biex b'hekk ikun aktar faċli għalihom li jaqbdu kwalunkwe profil li ma jaqax kif suppost.

### Estratti mill-każ

Id-direttur industrijali tal-impjant kien impenjat favur l-idea li x-xogħol għandu jiġi organizzat biex jinħoloq titjib kontinwu permezz tal-innovazzjoni. Dan l-approċċ kien jinvolvi l-pragmatiżmu u l-fiduċja f'dawk li jagħmlu x-xogħol. Il-filosofija tal-kumpanija tinvolvi t-titjib kontinwu fix-xogħol u l-fiduċja f'dawk li qegħdin fuq il-post jagħmlu x-xogħol.

L-ispirtu ta' innovazzjoni li deher f'dan il-grupp ta' ħaddiema nfirex għal linji ta' produzzjoni oħrajn.

Jekk idea kienet adatta, din ġiet implimentata minnufih ... Titjib [ieħor] sar gradwalment, filwaqt li tqiesu mogħdijiet potenzjali differenti u ġew emendati affarijiet li ma kinux jaħdmu. L-għan kien li tiġi prodotta magna li, sa tmiem il-proċess, tirrispondi perfettament għall-kriterji ta' prevenzjoni tar-riskju u ta' użu komdu stabbiliti mill-utenti.

# Ir-riżorsi, il-kostijiet u l-benefiċċji

Ġie offrut appoġġ mill-Fond Reġjonali għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa. Ġew introdotti seba' magni ġodda b'kost ta' EUR 13 000 għal kull apparat. L-uffiċċju prinċipali ddeċieda wkoll li meta tiġi introdotta kwalunkwe linja ta' produzzjoni ġdida, dawn ikunu mgħammra b'dawn il-magni l-ġodda. Madankollu, mhux kull linja ta' produzzjoni tista' tibbenefika minn din is-sistema. Erbgħa oħra għamlu biċċiet żgħar jew profili ċatti ħafna li kienu jirrikjedu proċess ta' manifattura differenti u kellhom jiġu allinjati perfettament mal-kontenituri. Ma nstabet l-ebda soluzzjoni immedjata għal dan. Madankollu, l-ispirtu ta' innovazzjoni li deher fl-ewwel grupp ta' ħaddiema nfirex għal linji ta' produzzjoni oħra u huma se jkomplu jfittxu soluzzjonijiet.

# Analiżi

## Ostakli

Ma nstabet l-ebda problema kbira.

## Faċilitaturi

- Filosofija ta' kumpanija ta' titjib kontinwu fix-xogħol u fiduċja f'dawk li qegħdin fuq il-post jagħmlu x-xogħol.
- Il-kumpanija diġà kellha fis-seħħ sistema b'diversi komponenti għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.
- L-organizzazzjoni mill-ġdid tal-linja tal-produzzjoni u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma awtonomi f'dan il-qasam ħolqu qafas promettenti għall-ħaddiema biex jieħdu l-inizjattiva fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.
- It-titjib sar gradwalment, filwaqt li tqiesu mogħdijiet potenzjali differenti u ġew emendati l-affarijiet li ma kinux qed jaħdmu. Ir-riżultat kien magna li, sa tmiem il-proċess, irrispondiet perfettament għall-kriterji ta' prevenzjoni tar-riskju u ta' użu komdu stabbiliti mill-utenti.
- L-involviment tal-maniġment kien fundamentali peress li l-maniġer ħeġġeġ lill-ħaddiema jippreżentaw l-ideat tagħhom għat-titjib.

## Trasferibbiltà

Filwaqt li din hija kumpanija kbira, il-prinċipju bażiku li l-ħaddiema għandhom ikunu involuti fit-titjib kontinwu tax-xogħol tagħhom u fil-prijoritizzazzjoni tal-ideat tal-ħaddiema biex itejbu t-tagħmir tax-xogħol jista' jiġi applikat għal kwalunkwe industrija jew settur.

# Referenzi u informazzjoni ulterjuri

L-informazzjoni dwar dan il-każ ġiet ikkompilata mill-EU-OSHA. Ma huwa disponibbli l-ebda materjal bil-miktub addizzjonali.

Clergiot, J. (2010), *Travail & Sécurité: La prévention passe par les travailleurs.* Disponibbli fil-15 ta' Lulju 2021, minn https://www.travail-et-securite.fr/dms/ts/ArticleTS/TS-TS711page34/TS711page34.pdf

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.